# KURUNA SABIĦA

Nhar it-Tlieta li għaddiet it-tfal tal-iskola primarja hawnhekk fin-Nadur għamlu ċelebrazzjoni sempliċi fejn inkurunaw lill-Madonna li għandhom fil-bitħa tal-istess skola. Naħseb li hemm bosta fostkom, anke ommijiet, li jiftakru din id-drawwa ħelwa li biha nagħtu qima lil ommna Marija. Huwa importanti li nibqgħu nagħmlu dawn il-ġesti sempliċi. Importanti wkoll li ndarru liż-żgħar biex jgħidu t-tliet Avermarijiet, li nippruvaw inżommu ħajja d-drawwa qaddisa tar-rużarju, li nżuru s-santwarju ta' Pinu fl-Erbgħat.



Marija jixirqilha dan kollu. L-isem ta' Marija għandu l-verżjoni Lhudija tiegħu li hija l-kelma *Mirjam*. Issa jekk din il-kelma Lhudija ġejja mill-Eġizzjan *mrj*, allura l-kelma tiġi tradotta għall-isem bil-Malti, "Maħbuba". Iva, Marija hija maħbuba għax hija Omm Ġesù. Marija welldet lil Ġesù fl-għar ta' Betlehem, ħadet ħsiebu u waqfet miegħu sa mewtu. Il-qima lejn il-Madonna dejjem kellha post ewlieni fil-Knisja Kattolika u anke fil-Knisja Ortodossa. U ma ninsewx li fil-katakombi antiki ta' Ruma diġà nsibu lill-Insara jpittru lil Marija, sa mis-sekli 2 u 3 wara Kristu.

Aħna lil Marija nħobbuha u nżommuha bħala omm il-bnedmin kollha. Nemmnu li hija twassal it-talb tagħna quddiem binha Ġesù. Lil Marija nippruvaw nimitawha fil-virtujiet tagħha.

Ix-xahar ta' Mejju huwa marbut mal-Madonna. Min iħobb lil Kristu jħobb lil Ommu.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***



**L-AVVIŻI:**

**FESTA TA' SAN ĠORĠ PRECA**

Peress li nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju tkun iċċelebrata l-festa ta' San Ġorġ Preca, il-membri tal-Museum ser janimaw il-quddiesa tas-7:00pm fil-parroċċa. Tfal, adolexxenti, żgħażagħ, ġenituri u ħbieb huma mistiedna jattendu għal din il-quddiesa f'ġieħ l-ewwel qaddis Malti li tant għamel u għadu jagħmel ġid lis-soċjetà tagħna.

**ĠABRA GĦALL-PEDESTALL:** fi tmiem din il-ġimgħa se tirċievu envelop biex min jista' jagħti l-offerta tiegħu għall-pedestall ta' San Pietru u San Pawl. Nirringrazzjawkom tal-għajnuna tagħkom.

**ĠABRA GĦALL-FESTA:** il-ġabra għall-festa ta' ġewwa u għad-dawl elettriku fit-toroq u tal-koppla, ta' San Pietru u San Pawl, se ssir bejn l-ewwel u t-tmienja ta' Ġunju li ġej.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am